MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 2667/1998/1

**Noel Scerri**

**vs**

**Anna Scerri**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 16 ta' Dicembru 1998 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti sseparaw personalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja fl-atti tan-Nutar Marco Burlo tal-hdax (11) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997), liema kuntratt gie debitament awtorizzat b'Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi li skond l-imsemmi kuntratt, l-attur intrabat u obbliga ruhu li jhallas lil martu manteniment ghaliha u ghaz-zewg uliedhom minuri Krystle u Roberta, ahwa Scerri, skond kif hemm stabbilit;

Illi wkoll skond l-imsemmi kuntratt dan l-obbligu tar-ragel li jhallas kwalunkwe somma lill-mara ghaliha u jew ghat-tfal kellu jieqaf, ghar-ragunijiet hemm indikati, fosthom, jekk ikun disokkupat jew jinbidlu l-kondizzjonijiet tal-impieg tieghu, jew ghal kull raguni ohra permissibli mill-Ligi;

Illi fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena korrenti twieled Brendan Minafo (Dok. "A"), iben naturali tal-attur u (zieda awtorizzata b'digriet tal-5 ta' Novembru 2003) billi fl-erbatax (14) ta' Novembru 2002 twieled Nicholas Scerri, iben naturali tal-istess attur (Dok. "B");

Illi ghalkemm dan il-minuri qaghdu registrat f'isem ir-ragel tal-omm, dan hu iben naturali tal-attur skond kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi l-mezzi u c-cirkostanzi tal-attur ma jippermettulux li jkompli jhallas il-manteniment bir-rata kif stabbilita fil-kuntratt ta' separazzjoni *stante* li qed imantni lil ibnu wkoll, l-imsemmi Brendan Minafo;

Illi kif ukoll jirrizulta waqt it-trattazzjoni, inbidlu c-cirkostanzi tal-impieg tieghu li ghandhom iwasslu ghar-riduzzjoni tal-manteniment pagabbli lill-mara ghaliha u ghal uliedhom ahwa Scerri;

Illi hemm ragunijiet permissibbli skond il-Ligi ghar-riduzzjoni tal-manteniment pagabbli lill-konvenuta ghaliha u ghal uliedhom kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi, l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tirrevedi u tvarja l-manteniment dovut mill-attur lill-konvenuta ghaliha u ghal uliedhom minuri Kystle u Roberta ahwa Scerri skond il-kuntratt ta' separazzjoni personali fuq premess billi tirriduci l-ammont ta'

manteniment li ghandu jithallas minnu lill-istess konvnuta ghal dan l-iskop;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur datata 16 ta’ Dicembru 1998, il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti a fol 3 u 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Anna Scerri, datata 26 ta’ Mejju 1999, a fol 10, fejn ecipit bir-rispett:

1. Illi l-ewwel lok, l-intempestivita tal-azzjoni tal-attur *stante* li meta pprezenta c-citazzjoni, u anke’ sallum it-tarbija Brendan Minafo ghadha registrata bhala wild ta’ Giovanni Minafo, u mhux tieghu;

2. Illi fit-tieni lok l-attur mhuwiex tenut li jmantni lit-tarbija Brendan Minafo qabel ma l-Qorti tiddeciedi li dak li qed jallega huwa; cioe’ li t-tarbija Brendan Minafo hija wild ir-relazzjoni tieghu ma’ Carmen Minafo;

3. Illi fid-dritt ma tezisti l-ebda raguni ghaliex il-Qorti ghandha tvarja l-kuntratt ta’ separazzjoni tal-attur mal-konvenuti;

4. Illi fil-fatt, kif jigi ppruvat fil-kawza mhux minnu li tbiddlu c-cirkostanzi tal-impjieg tieghu;

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Anna Scerri u l-lista tax-xhieda, a fol 12 u 13 tal-process.

Rat il-verbal datat 28 ta’ Gunju 1999, fejn il-Qorti nnominat lil Assistenta Gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi.

Rat il-verbal datat 14 ta’ Ottubru 1999.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjara a fol 16.

Rat l-affidavit tal-attur Noel Scerri, a minn fol 17 sa fol 20.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjara Dr. Monica Borg Galea minn fol 37 sa fol 51.

Rat il-verbal datat 16 ta' Marzu 2000, fejn Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-attur infurmat lil Qorti li l-provi qed jingabru.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjara Dr. Monica Borg Galea minn fol 53 sa fol 67.

Rat il-verbal datat 23 ta' Gunju 2000, fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi qed jingabru b'mod regolari.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjara Dr. Monica Borg Galea minn fol 69 sa fol 72.

Rat il-verbal datat 11 ta' Dicembru 2000, fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi kienu qed jingabru b'mod generali.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjara Dr. Monica Borg Galea minn fol 74 sa fol 80.

Rat il-verbal datat 30 ta' Ottubru 2001, fejn Dr. Lorraine Schembri Orland infurmat lil Qorti li l-provi qed jingabru b'mod regolari.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 13 ta' Frar 2002, fejn b'ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D. ghall-Hamis 9 ta' Mejju 2002.

Rat il-verbal datat 9 ta' Mejju 2002, fejn inghata digriet affidavit tal-konvenuta b'terminu ta' 40 gurnata. Il-Qorti ordnat lill-Assistenta Gudizzjara biex tiffissa zewg seduti wara tali terminu ghall-provi kollha tal-konvenuta.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjara Dr. Monica Borg Galea minn fol 88 sa fol 89.

Rat l-affidavit tal-konvenuta datat 11 ta’ Gunju 2002, minn fol 90 sa fol 94 tal-process.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjara Dr. Monica Borg Galea minn fol 102 sa fol 124.

Rat il-verbal datat 29 ta’ Ottubru 2002, fejn il-Qorti ordnat li ssir seduta fis-27 ta’ Novembru 2002 quddiem l-Assistenza Gudizzjarja biex jinghalqu l-provi.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjara Dr. Monica Borg Galea minn fol 126 sa fol 148.

Rat il-verbal datat 4 ta’ Frar 2003, fejn il-Qorti kkonfermat d-digriet taghha tad-29 ta’ Ottubru 2002, b’dan pero’ li ffissat l-ahhar seduta ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenuta ghas-26 Frar 2003.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjara Dr. Monica Borg Galea minn fol 150 sa fol 159.

Rat il-verbal datat 20 ta’ Marzu 2003, fejn Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-attur prezentat nota b’zewg dokumenti u kellha tghaddi kopja lill-kontroparti u nfurmat lil Qorti li l-attur kellu tarbija ohra fil-mori tal-kawza. Il-Qorti ordnat lill-Assistenta Gudizzjara biex fil-mori tad-differiment tiffissa l-ahhar zewg seduti ghall-provi kollha li fadal tal-partijiet bl-intiza cara li wara tali seduti l-provi tal-partijiet qed jigu dikjarati maghluqa u l-Assistenta Gudizzjarja m’ghandiex izzomm seduti ohra.

Rat ir-rikors ta’ Noel Scerri datat 27 ta’ Marzu 2003, a fol 162, fejn talab bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogghobha tawtorizzah jipproduci bhala xhud lil Giovanni Minafo permezz tal-affidavit.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 25 ta’ Marzu 2003, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-konvenuta bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenuta Anna Scerri, datata 4 ta' April 2003, a fol 167 tal-process.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 7 ta' April 2003, fejn il-Qorti cahdet it-talba, stante li ma giex ippruvat li x-xhieda qamet fil-mori ta' din il-kawza.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjara Dr. Monica Borg Galea minn fol 169 sa fol 170.

Rat il-verbal datat 25 ta' Gunju 2003, fejn il-Qorti kkonfermat id-digriet tal-20 ta' Marzu 2003 u ddikjarat il-provi tal-partijiet maghluqa.

Rat il-verbal datat 6 ta' Novembru 2003, fejn il-Qorti nnutat li l-korrezzjonijiet ordanti bid-digriet tal-Qorti datat 5 ta' Novembru 2003 kienu ghadhom ma sarux u ordnat li dan isir minnufih u ordnat ukoll li ssir notifika tac-citazzjoni mill-gdid lill-konvenuta.

Rat ir-rikors ta' Noel Scerri datat 4 ta' Novembru 2003, fejn talab bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogghobha tikkoregi c-citazzjoni u l-atti kollha konnessi billi fir-raba' premessa, wara "iben naturali tal-attur" jizdiedu il-kliem "u billi fl-erbatax (14) ta' Novembru 2002 twieled Nicholas Scerri, iben natural ital-istess attur (Dok. "B").

Rat id-digriet tal-Qorti datat 5 ta' Novembru 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba u ordnat tali korrezzjoni.

Rat il-verbal datat 14 ta' Jannar 2004, fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tac-citazzjoni kif korretta ghall-ahhar darba.

Rat il-verbal datat 5 ta' Frar 2004 fejn peress li kien ghadu ghaddej it-terminu tal-eccezzjonijiet, il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni.

Rat il-verbal datat 1 ta' April 2004 fejn il-partijiet iddikjaraw li l-manteniment attwali huwa ta' mija u tnejn u erbghin lira (Lm 142) ghall-attrici biss peress li l-minuri saru

maggorreni, ghalkemm ghadhom qed jistudjaw. Il-Qorti staqsiet lill-attur kemm pretenda li jhallas manteniment lil martu u huwa wiegeb li jahseb madwar tmenin lira (Lm 80) fix-xahar. L-attur irrefera ghal dokument minnu esebit fejn wera’ li hu jibqghalu f’idejh mija hamsa u tlettin lira (Lm 135) u dan meta hu ghandu zewgt itfal barra mir-relazzjoni barra miz-zwieg. Il-kawza giet differita ghad-29 ta’ April 2004.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (i) PROVI PRODOTTI.

Rat l-affidavit tal-**attur Noel Scerri,** li gie prezentat fis-seduta mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjara Dr. Monica Borg Galea fil-24 ta’ Jannar 2000, tali affidavit jinsab minn fol 17 sa fol 20 tal-process. Rat l-affidavit tal-**konvenuta Anna Scerri** li gie prezentat fis-seduta mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjara Dr. Monica Borg Galea fil-11 ta’ Gunju 2002, tali affidavit jinsabu minn fol 90 sa fol 94 tal-process. Rat ukoll l-affidavit ulterjuli tal-**konvenuta Anna Scerri** li gie prezentat fis-seduta mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjara Dr. Monica Borg Galea fid-29 ta’ Ottubru 2002, tali affidavit jinsab minn fol 105 sa fol 107 tal-process.

### (ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob li jigi varjat il-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejn il-partijiet datat 11 ta’ Settembru 1997, fis-sens illi ghandu jitnaqqas il-manteniment hemm patwit kemm ghall-attrici u kemm ghall-minuri wliedu, peress li qed jikkontendi li m’ghandux ihallas l-istess rata ta’ manteniment, tenut kont tal-fatt li mir-relazzjoni extra-maritali li kellu ghandu llum zewg ulied Brendon – li twieled fit-13 ta’ Jannar 1999 – u Nicholas – li twieled fl-14 ta’ Novembru 2002.

Illi din il-Qorti tinnota qabel xejn li din il-kawza ilha pendenti sitt snin, u certament fl-ambitu tat-talbiet attrici

kawza bhal din ma kellhiex iddum dan iz-zmien kollu. Jigi nnutat ukoll li minn meta giet inkarigata l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea, din zammet xejn anqas minn sittax-il seduta, li fihom ma xehed hadd hlief il-partijiet, fejn jirrizulta wkoll li kull parti anke' *tramite* d-difensuri taghha kienet kull darba qed tirrispondi ghal dak li tkun qalet il-parti l-ohra fis-seduta precedenti, u b'hekk kien hemm botta u risposta tul il-kawza kollha, sakemm fl-ahhar din il-Qorti kif presjeduta kienet ordnat li l-provi tal-partijiet jigu dikjarati maghluqa b'digriet taghha fil-verbal tal-25 ta' Gunju 2003.

Illi sabiex din il-Qorti tkun cara qed jissemmew is-seduti kollha li sar quddiem il-brava Assistenta Gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea, u cjoe' 24 ta' Jannar 2000 – fejn gie pprezentat l-affidavit ta' l-attur; seduta tas-7 ta' Frar 2000 – fejn rega' xehed l-attur; 24 ta' Marzu 2000 – fejn xehdet il-konvenuta in subizzjoni; 2 ta' Gunju 2000 – fejn xehdet il-konvenuta; seduti tat-12 ta' Settembru 2000 u 12 ta' Marzu 2001 – fejn ma sar xejn; seduta tal-11 ta' Gunju 2002 – fejn il-konvenuta pprezentat affidavit; seduta tat-30 ta' Lulju 2002 – fejn il-konvenuta pprezentat affidavit ulterjuri; seduti tas-16 ta' Settembru 2002 u 21 t'Ottubru 2002 – fejn ma sar xejn; seduta tas-27 ta' Novembru 2002 – fejn sar kontro-ezami ta' l-attur u gie pprezentat affidavit ulterjuri iehor tal-konvenuta; 23 ta' Jannar 2003 – fejn is-seduta thassret; 26 ta' Frar 2003 – fejn sar il-kontro-ezami ta' l-attur u xehdet il-konvenuta wkoll in kontro-ezami; u tat-23 ta' Mejju 2003 u 30 ta' Mejju 2003 – fejn saru biss xi verbali.

Illi ovvjament dan fih innifsu jikkostitwixxi abbuz tal-procedura ta' din il-Qorti u fl-ahhar tas-sentenza din il-Qorti ser tipprovdi dwar l-istess, ghaliex mhux sew li l-proceduri tal-Qorti jigu abbuzati b'dan il-mod, aktar u aktar f'dan il-kaz fejn jidher li dawn is-seduta kollha ttiehdu sabiex jixhdu biss zewg persuni, u kwazi xejn izjed. Ma' dan wiehed irid jiehu kont ukoll li saru xejn anqas b'din ta' llum minn hmistax-il seduta quddiem din il-Qorti kif il-verbali tal-Qorti fuq indikati jevidenzjaw.

Illi ghal kawza proprja jirrizulta li bejn il-partijiet kien sar kuntratt ta’ separazzjoni datat 11 ta’ Settembru 1997 fl-Atti tan-Nutar Marco Burlo fejn fi klawsoli 4, 5 u 6 gie regolat il-manteniment li l-attur obbliga ruhu li jhallas lill-konvenuta kemm ghaliha u kemm ghal uliedhom minuri Krystle u Roberta li kellhom tlettax u hdax-il sena rispettivament, u peress li l-kawza ilha pendenti sitt snin illum saru maggorenni.

Illi dakinhar tal-kuntratt l-attur obbliga ruhu li jhallas is-somma globali ta’ Lm225 fix-xahar bhala manteniment, Lm125 ghal martu u Lm50 kull wiehed ghal uliedu minuri, naxxenti mill-istess zwieg. illi llum il-manteniment ta’ l-istess ulied waqaf ghaliex it-tfal saru maggorenni.

Illi l-istess manteniment fuq indikat kellu jizdied kull sena b’nofs iz-zieda li tkun imhabbra minn zmien ghal zmien mill-Gvern bhala zieda ghall-gholi tal-hajja applikabbli ghall-impjegati tal-Gvern, u fil-fatt skond l-ahhar verbal bejn il-partijiet datat l-1 t’April 2004, il-partijiet iddikjaraw li l-manteniment attwali huwa dak ta’ Lm142 fix-xahar, presumibbilment dan l-awment sar proprju minhabba din il-klawsola, ghax mid-data tal-kuntratt ir-rata ta’ Lm125 zdiedet ghal Lm142.

Illi dan fih innifsu jfisser jew almenu jindika li l-introjtu ta’ l-attur tul dan iz-zmien, almenu mill-impjieg tieghu ma naqasx, ghaliex kieku naqas ir-rata ta’ manteniment li qed ihallas lill-konvenuta ma kinitx tizdied. Illi dan kollu huwa affermat mill-fatt li mix-xhieda tal-attur innifsu, dan jghid li fis-sena 1997 kellu paga nett ta’ Lm362.48 + Lm533 Bonus, fl-1998 kellu Lm368 nett + Lm98.50 Bonus, fis-sena 1999 kellu Lm399 minbarra Lm20 Bonus, u fis-sena 2002, meta xehed fis-27 ta’ Novembru 2002 huwa kellu Lm414.92 nett minbarra wkoll li kellu Bonus ta’ Lm70 fix-xahar, almenu ghal certu zmien.

Illi minn dan kollu allura jidher li skond il-kuntratt il-kundizzjonijiet ta’ l-impjieg ta’ l-istess attur ma marrux ghall-aghar, anke’ jekk il-Qorti tiehu biss dawn il-figuri; pero’ apparti dan jidher li l-attur kien evaziv f’diversi cirkostanzi kemm dwar l-*overtime* li kien qed jaghmel, u

wkoll dwar Bonuses li huwa kien qed jircievi jew seta' jircievi mill-impjieg tieghu. Allura din il-Qorti ma tarax bazi ghaliex it-talba attrici ghandha tigi milqugha fir-rigward ta' xi kambjament fl-introjtu tieghu. Hawnhekk il-Qorti tirrileva wkoll li meta sar il-kuntratt ta' separazzjoni, l-attur ammeta li rcieva s-somma ta' cirka Lm21,316.80 u ghalkemm huwa jghid li nefaq parti sostanzjali mill-istess jirrizulta wkoll li, jekk hu relevanti li apparti li kellu din is-somma ghad-dispozizzjoni tieghu, xi ntrojtu mill-istess somma kellu wkoll, ghalkemm fuq dan il-punt l-attur huwa wkoll evaziv.

Illi l-Qorti tosserva li kuntratt bejn il-partijiet huwa ligi ghall-istess, u l-unika cirkostanza fil-ligi fejn l-istess jista' jigi varjat, u dan qed jinghad biss bhala linja generali, huwa meta jkun hemm l-interess tal-minuri taz-zwieg fin-nofs, fejn il-Qorti ghandha l-poter li tiehu kull provvediment anke' kontra dak li qablu dwaru l-partijiet biss fl-interess suprem tal-minuri. Ovvjament dan mhux il-kaz odjern, u ghal dawn il-principji l-Qorti tirreferi ghal dak li gja' gie tenut minnha f'diversi sentenzi fosthom **"Mario Galea vs Maria Concetta Galea pro et noe"** (Cit. Nru. 1168/99 RCP -deciza fit-2 t'Ottubru 2003) u **"Anthony Azzopardi vs Rita Azzopardi"** (Cit. Nru. 412/00 RCP – deciza fid-29 ta' Mejju 2003).

Illi l-attur jidher li kkummenta wkoll dwar xi ntrojtu li kellha l-konvenuta fis-sena 1999 u fis-sena 2000 (Dok "CM2" u Dok "CM3") fejn l-introjtu kien ta' Lm935.30 u Lm1,101.90 rispettivament, u dan ghal xi studenti li l-konvenuta kienet talloggja. Dan m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz odjern jew ghas-soluzzjoni tieghu ghax l-introjtu hawn indikat certament ma jrendix lill-konvenuta li qed tahdem Full Time abbazi ta' dak provdut fl-**artikolu 6 (ii)** tal-istess kuntratt ta' separazzjoni. Jekk jigi njorat ghall-mument dan is-sub-artikolu, jigi rilevat ukoll li fl-istess kuntratt l-attur irrinunzja ghal kull dritt ta' manteniment li huwa seta' kellu fil-konfront ta' martu.

Illi fl-ahhar nett il-Qorti tirrileva li l-attur qed jaghmel din il-kawza principalment peress li mid-data tal-kuntratt jidher li kellu zewg ulied mir-relazzjoni li huwa kellu ma' mara

ohra. Izda jekk wiehed ihares lejn it-termini tal-kuntratt dan ma jintitolahx li jnaqqas tali manteniment minhabba dawn ir-ragunijiet. Fil-fatt skond klawsola 6 ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni l-manteniment tal-mara jew ta' l-ulied il-partijiet ftehmu li jitnaqqas biss jekk it-tfal ma jibqghux minorenni (u dan sehh fil-mori tal-kawza); jekk il-mara tinpjega ruhha *Full Time* – fatt li ma giex ippruvat u in verita' lanqas allegat; jekk il-mara tikkoabita ma' terza persuna – fatt ukoll li ma giex allegat; jekk l-attur ikun dizokkupat – cirkostanza li ma tirrizultax; jekk jinbidlu l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg tar-ragel ghall-aghar – fatt li assolutament ma giex ippruvat; ghal kull raguni ohra permessibbli mill-ligi – f'dan il-kaz din ma gietx indikata u fi kwalunkwe kaz din il-kundizzjoni ma giet la ppruvata u wisq anqas sostanzjata.

Illi l-Qorti tinnota li fl-ahhar seduta l-attur offra manteniment ta' Lm80 fix-xahar ghall-konvenuta, u l-Qorti thoss li kif fuq espost u kif jirrizulta mill-atti la t-talba attrici u lanqas il-proposta tieghu ma tista' tigi milqugha. Ghalhekk it-talba attrici qed tigi michuda.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' t-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-konvenuta**, tichad it-talba attrici *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez tal-kawza jibqghu a karigu ta' l-attur.

Illi *inoltre* minhabba li l-partijiet abbuzaw mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless kemm mill-mod li gew esebiti diversi dokumenti bla bzonn, u bil-mod kif il-partijiet irregolaw il-gbir tal-provi u kif ukoll minhabba n-nuqqas ta' kull parti f'din il-kawza li tressaq il-provi taghha fi zmien ragonevoli u fit-termini ndikati mill-Qorti, tant li jirrizulta mill-verbali quddiem il-Qorti diversament presjeduta, b'dan li jirrizulta bla ebda dubju li z-zewg partijiet tawlu l-proceduri bla bzonn anke' minhabba l-pika esagerata taghhom, din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 ta' l-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'**

**Malta** tordna lill-attur ihallas is-somma ta’ mitejn lira Maltija (Lm200) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u minn naha l-ohra lill-konvenuta thallas is-somma ta’ mitejn lira Maltija (Lm200) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru minn kull parti fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------